19 ta’ Mejju 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tal-Laqgha Nru. 39**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 11 ta’ Mejju 2010 , Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u l-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch, il-Kunsillier Borg Myatt. Il-Kunsilliera Ebejer kienet skuzata Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-Laqgha.

**1) Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 38**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

**1) Materji Konessi**

1.1- Il-Kunsillier Dalli staqsa lis-Sindku rendikont ta' x'ser issir fuq Calcinaia. Is-sindku qal li ghalissa ghadu ma pprepara xejn ghax ghadu jrid jara id-dati meta tielgha.

1.2 -Il-Kunsillier Dalli staqsa fuq il-festi tac-Centenarju kif ser isiru x'ser ikun fihom u x'ser jaghmlu l-Kunsilliera.

1.3 - Is-Sindku qal li l-Kunsill ha jimxi minn Triq St Ubaldeska fit-8.00pm ghal Triq il-Palma. Wara hdejn il-Knisja ser jinkixef mafkar li l-Kunsill ser ihallas tieghu is-somma ta' madwar €1500.00. L-ispejess tal-baned gejjin jiswew €1200.00.

1.4 - Il-Kunsillier Dalli qal li dan mhux skond il-ftehim li kien sar f' Novembru. Il-Kunsill kien iddecieda li ssir lapida u mhux mafkar ghalhekk hu kontra li jsir il-mafkar.

1.5 - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li z-zmien wassal ghal din l-attivita u ghadna ma nafux x'ser naghmlu u ezattament dan kollu tal-misthija. Hu kompla jghid li skond il-ftehim il-Kunsill kellu jhallas biss l-affarjiet li ghandhom x'jaqsmu mal-Kultura .

1.6 - Is-Sindku qal li id-disinn u l-Kliem tal-mafkar ser jibaghthom ghada lis-Segretarju imbaghad jghaddihom lill-Kunsilliera biex jarawh halli jigu approvati fl-laqgha ohra.

1.7 - Is-Segretarju nforma lill-Kunsilliera kollha li l-Kunsill qieghed bla budget u bla Business plan u jekk ser ikun hemm hafna spejjes involuti ghal din l-attivita suppost issir kumitat tal-Finanzi biex jideciedi fuqhom.

1.8 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-Kumitat tal-finanzi jrid jigi approvat mill-Kunsilliera u mhux jideciedih is-Sindku.

1.9 - Is-Sindku qal li kunsill ma jridx jaqa ghac-cajt f'din l-okkazzjoni tac-Centenarju.

1.10 - Il-Kunsillier Borg Myatt staqsa jekk il-proposta kienetx tal-Kumitat organizzattiv jew hux tas-Sindku.

1.11 - Is-Sindku qalli l-proposta kienet tieghu bi qbil mal-kumitat organizzattiv. Hu isuggerixxa li jsir fuq iz-zuntier fejn is-sigra ta'zebbug. Huwa kompla billi talab lill-Kunsilliera jekk jaqblux jew le mal-mafkar.

1.12 - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li ma tistac tapprova xi haga li ma tafx kif gejja, ghax m'hemmx xejn imhejji la pjanta la l-kliem li ser jinkiteb. Huwa kompla jghid li jispera li ma jismax barra mill-Kunsill li Duncan ma jridx li ssir ghax is-Sindku la gab stima u lanqas disinn, ma gab xejn.

1.13 - Il-Kunsillier Lynch qal li anke huwa ma jistax jibdel min lapida ghal mafkar.

1.14 - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li qabel ma jkollna proposta konkreta ma nistghux nibdlu minn lapida ghal mafkar.

1.15 - Il-Membri tal-Kunsill approvaw li ssir lapida u titwahhal mal-genb taz-Zuntier quddiem tal-Pjazza Confectionary.

**2) Paola Italia.**

2.1 - Is-Sindku qal li jixtieq jaghmel konferenza stampa li sar f' Paola Italia.

2.2 - Is-Segretarju qal li wara dan il-gemellagg il-Kunsill ta' Paola Italia xtaq jigi Malta ghalhekk qeghdin isiru preparamenti biex tigi delegazzjoni zghira ghal Festa ta' Kristu Re f'Lulju. Imbaghad ghal habta ta' Novembru tigi delegazzjoni akbar. F'Lulju nhalsulhom lodging biss, u l-Kunsill majkollux x'jaqsam mal-passagg.

2.3 - Il-Kunsillier Dalli qal ghal Lulju nistiednu minn tlieta sa erba min-nies biex jigu hawn Malta biex nhejju program ghal Novembru.

2.4 - Il-Membri tal- Kunsill qablu li jsir budget ta' madwar €1,300.00 ghad-delegazzjoni li ser tigi f' Lulju.

**3) Paola Calcinaia**

3.1 - Is-Segretarju ressaq invit minn Paola Calcinaia biex ikomplu l-patt ta' hbiberija li kien gie iffirmat minn kunsill precedenti.

3.2 - Il-membri tal-Kunsill qablu li jmorru l-Kunsillier Lynch u s-Sindku u jaghmlu patti godda ma l-Italja u Spanja bhal *memorandum of understanding*.

Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00 pm u aggornata ghat-18 ta' Mejju 2010

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ___________ | _______________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |